# M I N U T I

**LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 51 (TKOMPLIJA)**

30 ta' Ġunju 2022

It-tkomplija tal-wieħed u ħamsin (51) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2022 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 51.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

51.5.1 Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-bankina fi Triq Vilhena u staqsa jekk il-Kunsill jistax jibgħat lill-ħaddiema tal-works biex titkompla din il-bankina. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser ikollu l-ħaddiema tar-Reġjun f'Lulju u għalhekk ippropona li għandhom jieħdu ħsieb ikompluha huma wara li jlestu x-xogħol li hemm pjanat fid-Dar tal-Kunsill kif ukoll fuq bankini oħrajn.

**<u>Nota: 14:16 Il-Viċi Sindku AD attenda għal-laqgħa.</u>**

51.5.2 Il-Kunsilliera JAE qal li m'hemmx isem tat-triq fi Triq Macerata. Il-Kunsill qabel li għandu jordna u jwaħħal tabella li tindika l-isem tat-triq.

51.5.3 Il-Kunsillier JAE qal li kellu talbiet mingħand xi residenti sabiex isiru sinjali biex ma jħammġux il-klieb fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u fi Ġnien Preziosi. Il-Kunsill qabel.

51.5.4 Is-Sindku VB qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jiċċekkja wkoll is-sinjali li hemm fuq barra biex il-klieb ikunu fuq iċ-ċinga u mhux jitħallew jiġru. Il-Kunsill qabel.

51.5.5 Il-Kunsillier JAE ppropona li jibda' l-ħasil tat-toroq bil-bowser. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jħalli l-kunċert tal-Isle of MTV jgħaddi u l-ħasil isir wara.

51.5.6 Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-attività li saret riċentement fi Ġnien l-Argotti u staqsa jekk kienx hemm korrispondenza bejn l-entitajiet u l-Kunsill li tindika x'kien ser isir.

51.5.6.1 Is-Sindku VB qal li l-organizzaturi kienu talbu biss il-permess għall-attività ġaladarba dan il-ġnien ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

51.5.6.2 Is-SE qal li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn ikun hemm attività u l-Kunsill ma jkunx informat biha. Huwa kompla billi qal li din tiġri ta' spiss u anke f'lokalitajiet oħra. Żied jgħid li s-Supretendent kien kellem lil Parks Malta sabiex jibdew jinformaw lill-kunsill b'kull attività li tkun ser issir, kif ukoll biex jibda' jintalab permess mill-Kunsill għal dan. Huwa qal li l-Kunsill imbagħad javża lill-Pulizija li hemm talba sabiex ikunu jistgħu jinħarġu l-kundizzjonijiet relatati. Minkejja dan, il-Kunsill ma setax jobbligahom x'jagħmlu ġaladarba l-ġonna msemmija ma kienux jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, u għalhekk ma setax lanqas jitlob garanzija.

51.5.6.3 Is-SE qal li rigward dak li kien ġara fl-attività li għaddiet, hu kien diġà ikkuntattja lill-organizzaturi kif ukoll lill-Pulizija u lil Parks Malta, sabiex is-sitwazzjoni tiġi regolata immedjatament.

51.5.6.4 Is-SE qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill jiċċara l-kundizzjonijiet relatati mal-attivitajiet organizzati fil-ġonna li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dan sabiex in-nies ikunu mħeġġa jorganizzaw l-attivitajiet f'dawn il-ġonna minflok f'ġonna li l-Kunsill

m'għandux jedd fuqhom. Dan ifisser li l-Kunsill ikollu iktar kontroll kif ukoll ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħmel kundizzjonijiet li jissalvagwardjaw lil-lokalità u lir-resident.

51.5.6.5 Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa ma' Parks Malta sabiex jiġi diskuss dak li ġara kif ukoll jiddiskuti il-bżonn tal-aġġornament fil-kundizzjonijiet relatati m'attivitajiet futuri.

51.5.7 Il-Kunsilliera JP fakkret fil-bżonn li titwaħħal tabella tas-CCTV quddiem l-SPCA.

## 51.9 AĠĠORNAMENT DWAR SENIOR CITIZEN CENTRE

51.9.1 Is-SE informa lill-Kunsill bl-iżvilupp li kien hemm fuq dan il-proġett fejn ħafna mill-affarijiet kienu ġew ordnati, inkluż il-kċina, il-laptops, tablets u mwejjed u siġġijiet li setgħu jintużaw minn min ikun qed jagħmel użu miċ-ċentru.

51.9.2 Is-SE informa li hemm xi kwotazzjonijiet li ser jagħlqu dakinhar bħalma huma s-sessjonijiet tal-IT, is-sessjonijiet tal-korsijiet tal-fiżika, eċċ. Huwa kompla billi qal li kienet ser tintalab ukoll garanzija bankarja sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-Kunsill peress li dawn kienu ser jitħallsu bil-quddiem.

51.9.3 Is-SE qal li kien ser jiġi nstallat ukoll lift. Huwa qal li s-Soprintendenza tal-Patrimonju Kulturali kienu ġew fuq is-sit flimkien mal-Perit u ressqu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Dan irriżulta fil-bżonn li jsiru xi emendi fil-pjanijiet oriġinali li kellu l-Kunsill u għalhekk wara dawn l-emendi, il-ħsieb issa kien li jsir l-uffiċċju tas-Sindku u l-kamra tal-Kunsill fis-sala ż-żgħira tal-Kunsill.

51.9.4 Is-SE qal ukoll li kien hemm bżonn li jintalbu xi kjarifiċi lil dawk li ssottomettew l-offerti tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni tal-lift. Huwa qal li dan kien se jtawwal xi ftit il-proċess.

51.9.5 Il-Kunsilliera SSH staqsiet x'ħin ser ikun miftuħ dan iċ-ċentru. Is-SE nforma li skont l-applikazzjoni oriġinali, iċ-ċentru kien ser ikun miftuħ bejn it-8.30am u n-12.30pm u għalhekk dawn is-siegħat kellhom jinżammu żgur. Minkejja dan, il-Kunsill seta' jiddiskuti u jaqbel fuq ħinijiet li jmorru oltre minn dawn.

## 51.10 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAT-TENDER TAL-VETTURA ELETTRIKA U DISKUSSJONI DWAR IS-SERVIZZ

51.10.1 Is-Sindku VB nforma lill-Kunsill li l-vettura elettrika kienet ser tasal daqt u għalhekk il-Kunsill għandu jiddiskuti kif ser jibda' jaħdem il-Kunsill sabiex joffri l-aħjar servizz possibbli lil min jagħmel użu minn din il-vettura. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat email sabiex il-kunsilliera jiddiskutu bejniethom il-proposti tagħhom.

51.10.2 Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li kien hemm fondi li ser japplika għalihom ir-reġjun u li għalihom ser ikun eliġibbli l-kunsill, biex ikun hemm pool bejn il-kunsilli tar-reġjun li għandhom vettura elettrika, u dan biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jinqdew aħjar billi l-lokalitajiet jgħinu lil xulxin.

## 51.11 Dwal ta' Triq Sant'Anna

51.11.1 Il-Viċi Sindku VB fetaħ il-materja billi qal li kienet inżammet laqgħa mal-MTA dwar il-bilanċ pendenti li huma għandhom mal-Kunsill. Huwa qal li kien intlaħaq ftehim fuq l-ammont dovut, kif ukoll ser jiġi ffirmat kuntratt fejn il-Kunsill ser jibda' jingħata €10,000 fis-sena bħala CSR li jintuża għat-titjib tal-lokalità.

51.11.2 Is-Sindku kompla billi qal li parti mil-ftehim kienet li jingħata €20,000 f'arretrati li jkopru s-snin 2019 u 2021.

51.11.3 Is-Sindku qal ukoll li kien informa lill-MTA dwar il-ħsarat li jeżistu fid-dwal tal-loġoġ fi Triq Sant'Anna.

51.11.4 Is-Sindku ppropona li l-arkati ma jibqgħux jinxtegħelu u li eventwalment jinstabu alternattivi fil-festa u fil-Milied, u dan minħabba li kif inhuma, ma kienux denji li jinxtegħelu. Il-Kunsill qabel.

51.11.5 Is-Sindku VB qal li ser jipprova jiltaqa' wkoll mal-Ministru jew mal-GHRC sabiex jara jekk jistgħux jgħinu lill-Kunsill fit-tiswija ta' dawn id-dwal.

51.11.6 Il-Viċi Sindku AD qal li kien ser jitkellem ma' kumpanija sabiex jara jekk ikunux interessati joffru l-għajnuna tagħhom imqar f'parti mix-xogħol, jekk il-Kunsill jipprovdi l-materjal.

51.11.7 Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn, jinkrew fustuni għall-festa u għall-Milied, sakemm il-Kunsill jara kif ser jipproċedi dwar din is-sitwazzjoni.

51.11.8 Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill ikkunsidrax li jsiru uplighters minflok il-bozoz kurrenti. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli minħabba li dawn ikunu fit-triq.

51.11.9 Il-Viċi Sindku AD qal li jista' jsir floodlight fuq il-kolonni fejn id-dawl ikun iħares l-isfel, u dan anke biex la jtellef lix-xufiera u lanqas idejjaq lir-residenti li għandhom l-aperturi fuq Triq Sant'Anna.

51.11.10 Is-SE qal li fid-dawl li ser isir il-proġett mil-Gvern Ċentrali fi Triq Sant'Anna, huwa ppropona li l-Kunsill jiċċara jekk id-dawl hux ser ikun parti mil-proġett u dan biex ma jintefqux flus għalxejn. Huwa ppropona li ssir laqgħa ma' min hu konċernat sabiex tkun iċċarata din il-materja. Il-Kunsill qabel.

51.11.11 Il-Kunsill qabel ukoll li jiltaqa' ma' Festivals Malta sabiex jinformahom b'din il-problema u tinstab soluzzjoni għal meta jkun hemm bżonn li jinxtegħelu d-dwal f'attivitajiet nazzjonali.

## 51.12 Subway ta' Triq Sant'Anna

51.12.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier JAE sabiex jiftaħ il-materja.

51.12.2 Il-Kunsillier JAE qal li issa kien iż-żmien opportun sabiex il-Kunsill jaħtaf l-opportunità biex titranġa l-problema temporanja tas-subway ta' Triq Sant'Anna fejn kien hemm bżonn li jsir investiment xieraq. Huwa qal li d-dawl eżistenti ma kienx biżżejjed u adegwat u kien hemm bżonn li jsir xi ħaġa aħjar.

51.12.3 Il-Kunsillier JAE qal li tkun idea tajba li jsiru graffiti mal-ħitan fejn possibbilment, ikunu jistgħu jintużaw artisti Furjaniżi.

51.12.4 Il-Kunsillier JAE qal li mill-feedback li għandu, hemm xi ħaġa li qed toħloq problema. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid mill-awtoritajiet ċentrali.

51.12.5 Is-Sindku kompla billi qal li jekk ser isir il-proġett fi Triq Sant'Anna, u l-vetturi ser jibdew jgħaddu minn taħt it-triq, allura s-subways kienu ser jiġu eliminati. Huwa qal li għalhekk hemm ftit x'wieħed jista' jagħmel sakemm jitlesta dan il-proġett.

51.12.6 Il-Kunsillier JAE qal li hemm ukoll il-bżonn li terġa' tibda' tinħasel l-art ta' taħt il-loġoġ mil-Cleansing, b'mod regolari.

51.12.7 Is-Sindku staqsa jekk wasalx iż-żmien li s-subways jerġgħu jibdew jingħalqu bħalma kien isir qabel. Is-SE qal li llum hemm sistemi avvanzati li bihom ma jkunx hemm bżonn li s-subways jingħalqu.

51.12.8 Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru dwar il-proġett ta' Triq Sant'Anna, minħabba li kollox kien qed jorbot ma' dan il-proġett u għalhekk il-Kunsill għandu jkun infurmat aħjar dwar dak li ser isir.

## 51.13 Ġenna ta' Ġonna

51.13.1 Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li kien għaddej studju fuq il-bjar. Huwa qal li kien hemm talba biex tiġi investigata dik il-biċċa bejn Montgomery House u l-Istitut fejn skoprew bokka li tibqa' sejra taħt il-Fosos u parti minn Ġnien il-Mall. Huwa qal li sfortunatament ma kienx hemm taraġ fil-bokka, li kienet fonda xi ħmistax-il metru.

51.13.2 Is-SE qal li ma jfissirx li l-Kunsill ma setax jinżel imma ovvjament il-fatt li m'hemmx taraġ kien ser jikkumplika din l-operazzjoni.

51.13.3 Il-Viċi Sindku AD qal li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien joffri dan is-servizz.

51.13.4 Fir-rigward tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna, is-SE nforma li kien qed isir kuntatt mal-għaqdiet lokali. Huwa qal li l-amministrazzjoni kienet qed tiċċekkja jekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienx qed joffri xi skemi li jassistu fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet, bħalma soltu jkun hemm.

51.13.5 Is-SE nforma li kien bagħat lis-Segretarju Parlamentari sabiex jitlob laqgħa f'isem il-Kunsill. Huwa qal li kien informat li s-Segretarju Parlamenti kellha skeda fejn kienet qed iddur lill-kunsilli lokali kollha ta' Malta u Għawdex.

51.13.6 Il-Kunsillier JAE ppropona li ssir kampanja ta' riklamar fuq il-midja soċjali sabiex il-Kunsill iħeġġeġ lin-nies jattendu għall-attività.

51.13.7 Is-SE qal li l-Kunsill irid jara ftit jekk l-attivitajiet li qed isiru għadhomx qed jattiraw lin-nies kif kienu, u jekk hemmx bżonn li jsiru attivitajiet oħra.

51.13.8 Il-Kunsillier JAE ppropona wkoll li l-attività tkompli filgħaxija wkoll. Is-SE qal li l-Kunsill għandu jistieden lill-għaqdiet lokali kollha sabiex jikkontribwixxu u jagħmlu xi ħaġa huma wkoll biex l-attività tkun ta' suċċess.

## 51.14 Dwal fi Ġnien Preziosi

51.14.1 Is-Sindku qal li kien qed ikun hemm problemi fid-dawl u sfortunatament kienet għadha ma nstabitx soluzzjoni minħabba li kien hemm bżonn li jinbidel il-wiring biex il-problema tkun tista' tissolva darba għal dejjem.

51.14.2 Is-SE qal li kien talab kwotazzjonijiet għall-fanali, eċċ iżda l-ewwel kellu jiġi determinat il-wiring kif inhu għaddej u minn fejn għaddej.

51.14.3 Is-SE nforma wkoll li dik il-ġimgħa kien ġie l-electrician sabiex jara l-pompa tal-funtana biex din tkun tista' terġa' tibda tiffunzjona.

## 51.15 Isle of MTV

51.15.1 Is-Sindku nforma li l attività se ssir nhar id-19 ta' Lulju 2022. Huwa qal li kienet inżammet l-ewwel laqgħa mal-istakeholders kollha fejn il-Kunsill kien ressaq il-proposti tiegħu.

51.15.2 Is-Sindku qal li jidher li minħabba l-istrajk tal-LESA mhux ser ikun hemm gwardjani lokali biex iħarrku lil min jinqabad jabbuża. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiċċara mal-MTA sabiex tinstab alternattiva jekk il-LESA jkunu għadhom għaddejjin bl-istrajk.

## 51.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

51.16.1 Il-laqgħa intemmet fl-15:50 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv